TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 121/22/F

**Anthony Mangion**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd. – Centro Casalinga**

Illum, 26 ta' Ġunju, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar is-26 ta' Awwissu 2022 2kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta ippreżentata mill-azjenda intimata fit-23 ta' Settembru 2022;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrent Anthony Mangion u ta' Paul Mangion waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2023 kif ukoll ix-xhieda ta' Michael Scerri u Gianfranco Dei Giudici għall-azjenda intimata waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2023;

Ra d-dokumenti;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' **tlett mitt Euro (€300.00)** mill-azjenda intimata rappreżentanti parti mill-prezz ta' *portable air conditioner* (minn issa msejjaħ "AC") li huwa xtara mingħand l-azjenda intimata fis-6 ta' Lulju 2021.

Illi mill-banda l-oħra, fir-Risposta tagħha l-azjenda intimata tiddefendi l-pożizzjoni tagħha a bażi ta' fatti u in suċċint issostni li minn diversi spezzjonijiet li saru fuq l-AC in kwistjoni, dejjem instab li hu per se kien jaħdem tajjeb u li jekk ir-Rikorrent ma kienx qed igawdi mill-potenzjal tal-AC, dan kien minħabba użu ħażin minn naħa tiegħu.

Illi fix-xhieda tiegħu, **ir-Rikorrent** jispjega li l-ilment tiegħu jikkonċerna l-fatt li l-AC qed idawwar biss ir-riħ u ma jkessaħx l-arja. Isostni li minkejja d-diversi ilmenti tiegħu, l-AC qatt ma ġie mibdul minn naħa tal-azjenda intimata.

Illi r-Rikorrenti ressaq ukoll bħala xhud lil ħuħ **Paul Mangion** li kien akkumpanjah fil-ħanut tal-azjenda intimata sabiex jilmenta dwar l-AC. L-istess xhud ikkonċeda illi "jiena qatt ma rajtu jixgħel l-AC" u għalaq biex jgħid li ħuħ ma baqgħax juża l-AC in kwistjoni u kellu jixtri ieħor mingħand terzi. Stante li dan ix-xhud jiddikjara li huwa qatt ma ra l-AC jaħdem quddiemu, it-Tribunal jinnota li għalhekk, din ix-xhieda qajla hija relevanti għad-determinazzjoni tal-mertu ta' din it-talba.

Illi fix-xhieda tiegħu, **Michael Scerri** in rappreżentanza tal-azjenda intimata ikkonferma li fil-fatt kienu saru tlett *service calls* fir-rigward tal-AC in kwistjoni fir-residenza tar-Rikorrent u zewg okkażjonijiet fejn l-AC ġie meħud fil-*workshop* għall-osservazzjoni aktar fit-tul. Spjega li meta l-AC ġie spezzjonat fuq il-post, ġie nnutat li kien qed jintuża f'kamra li hija ta' dimensjonijiet konsiderevoli u aktar minn hekk, kien hemm it-tieqa miftuħa u l-*waste pipe* tal-AC kien qed jarmi l-arja sħuna fil-kamra stess minkejja li l-AC kien ġie supplit b'*kit* apposta biex l-arja sħuna tiġi *ducted* barra mit-tieqa sokkjuża.

Illi l-azjenda intimata ressqet ukoll bħala xhud lil **Gianfranco Dei Giudici**, tekniku adett magħha, li spjega li huwa kien spezzjona l-AC fil-*workshop* u għamel testijiet fuqu dwar it-temperatura mill-liema testijiet irrizultali kien qed jaħdem *within range*.

Illi wara li qies sewwa l-provi kollha prodotti, inkluż il-verżjonijiet rispettivi mogħtija mill-partijiet u l-fatt li r-Rikorrent tista' tgħid ma ġab l-ebda provi oġġettivi in sostenn tal-ilment tiegħu, it-Tribunal huwa tal-fehma konsiderata li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-azjenda intimata hija l-aktar waħda attendibbli bejn it-tnejn fuq bażi ta' probabbilità. Jidher ukoll probabbli mill-provi li l-kawża tal-ilment tar-Rikorrent kienet dovuta għall-fatt li l-AC ma kienx qed jiġi utilizzat kif suppost.

Għalhekk it-talba tar-Rikorrent qed tiġi miċħuda.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.**

**Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***